Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Seduta Disrett Mosta

Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)

Illum: 25 t' Ottubru, 2017

Il-Pulizija
(Spettur Mark Mercieca)
(Spettur Nicholas Vella)

-vs-

James Farrugia, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 154992M;

u

Mary Grace Grima, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 507394M

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati James Farrgia u Mary Grace Grima u ċioè talli:

> Nhar id-9 ta' Awwissu, 2015, għall-ħabta tas-1800hrs u anke matul is-siegħat ta' qabel, ġewwa l-Imġarr:

1. Iffalsifikaw jew biddlu mingħajr kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xogħol moħħ, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement għamlu użu ta' dawn l-ismijiet, makri jew sinjali ffalsifikati jew imbiddlin ukoll jekk minn ħadideħor, mingħajr il-kunsens tas-sid;

2. Xjentement għamlu użu ta' marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegħu merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema;

3. Xjentement qiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni, biegħu jew żammew għandhom għall-bejgħ jew importaw għal ħsien ta' kummerċ merkanzżija b'marka, sinjal jew emblema imxebbħin b'qerq.

Rat l-akkuża fil-konfront ta' James Farrugia waħdu u ċioe` talli:

1. Renda ruħu reċediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza tal-qorti ta' Malta, mill-Maġistrat Dr Francesco Depasquale LL..D. datata nhar il-25 ta' Novembru, 2014, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula. Art 49 u 50 Kap 9.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esebiti.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-parte leza **Dr. Jonathan Galea** xehed kif hu kien ghamel rapport mal-pulizija wara li fid-9 t'Awissu, 2015, kien gie reklamat ghal bejgh fuq Facebook minn certu <u>James Rory Farr</u>,[1] Samsung S6 ghal €400[2] izda hu ghamillu offerta ghal €370 u l-bejjiegh, Farrugia, accetta. Qallu *"Ghaddi ghalih l-Imgarr. U tista tixtrih." Mort l-Imgarr, wasalt hemm hekk u bghatlu facebook message u ghidtlu: "Wasalt jiena." Qalli: "Ha nibghat wahda lit-tfajla biex tiltaqa mieghek bil-mobile. Giet it-tfajla tieghu, tatni l-mobile, f' kaxxa bajda, bil-kliem Samsung Galaxy S6 fuqu u kollox, xeghelt il-mobile, u kellu xi five per cent (5%) charge u bdejt niccekkja s-software u hekk tal-mobile, biex nara jekk hux kundizzjoni tajba u hekk. … <u>James Farrugia ma' ltqajtx mieghu personalment, rajtu biss fuq facebook, pero' minn fuq il-facebook profile qed naghrfu bhala James Farrugia</u>. U lit-tfajla tieghu ltqajt maghha l-Imgarr. U qed naghrafha hawn hekk ukoll. ….Bdejt niccekkja l-mobile u s-software u applications <u>kollox kien jindika li kien</u>*

[1] Ghalkemm fix-xhieda Galea jsemmi lil James Farrugia fir-rapport maghmul minnu kien indika l-isem tal-bejjiegh bhala James Rory Farr, vide fol. 4 -5 tal-**Current Incident Report.**
[2] Dok A u B a fol. 22-30

*Samsung Galaxy S6*. ***Jiena lil Mary Grace staqsejtha jekk nistax niccekkja wahda s-serial number u l-Imie number tal-mobile u qaltli ghaliex irrid niccekkjahom. U jiena ghidtilha biex nara jekk il-mobile hux originali, jekk hux misruq, jew taht kuntratt etc. Qaltli: "Le, tista sserrah mohhok, il-mobile originali u tista anke ticcekkja l-camera biex tara l-applications, il-pixels, etc. jiena ccekkjajt dan kollu u fil-fatt hekk kien. Kollox kien jindika kif suppost.*** *.... Qaltli serrah mohhok, il-mobile huwa originali."*[3]

Ix-xhud spjega ha ritratt tal-IMEI u tas-serial numbers u baghthom lil James Farrugia. Qalilha li kif jasal lura d-dar ikun f'posizzjoni jiccekja sew minn fuq il-laptop jekk il-mobile kienx wiehed originali jew le. Meta staqsiha kellhiex ricevuta qaltlu li l-mobile inxtara mill-Ingilterra minn missier James u li l-**ircevuta kienet ser tigi scanned u mibghuta fuq facebook**. "*Jien hadt il-mobile, qabel tlaqt bghatt message lil James quddiem it-tfajla tieghu stess u ghidtlu: "Dan l-Imie number u dan is-serial number. Kemm naghmel il-verifiki ulterjuri fuq l-istess mobile." Qalli: "Mhux problema." U mort id-dar u dak inhar ma' kellix cans niccekkja l-mobile aktar fid-dettal."*[4]

Ikompli kif l-ghada mar huh u hekk kif kien qed jammira il-mobile prova jiehu ritratt bih li hareg hazin hafna, pprova huwa wkoll u r-ritratt rega' hareg mudlam. Dak il-hin nkwieta u beda jiccekja is -*"Ergajt iccekkjajt l-Imie number u rega' ma' telghax, s-serial number rega' tela' ndika li originali...... Jiena nstallajt din l-application fuq il-mobile u rrizulta li certu affarijiet bhal per ezempju manufacturer, il-processor, l-iscreen resolution u hekk, ma' kienux skond is-Samsung Galaxy S6. U ghidtlu [lil persuna li tahdem ma Klikk Computers] u qalli: "Dak il-mobile probbabli mhux originali mela. Bhala xi clone." Jiena dak il-hin bghatt lil James fuq facebook message u ghidtlu biss: "Isma, l-Imie ma' nistax insibu u jekk nista please kemm ingieblek il-mobile lura u ttini l-flus lura."* ***U bghatlu facebook message, malli bghatlu l-facebook message u ghidtlu li ha ntih il-mobile lura u hu jtini l-flus lura, bblokkjani minn fuq facebook.*** *Jiena mbghad staqsejt lil wiehed li kont naf li jaf lil James, ghidtlu: "Isma, ghandek in-numru tieghu jekk jista jkun?" U qalli: "In-numru tieghu jaf inbidel imma ccekkja ghax gieli jitfa xi reklami tal-karozzi fuq Maltapark." Dhalt infittex il-karozzi fuq Maltapark,* ***sibt in-numru tieghu u cempilt lil James. Ma' bediex jaqbadni u bghatlu messagg u ghidtlu: "Jiena skoprejt li l-mobile huwa fake, nixtieq il-flus lura." Kemm bghatlu messagg biss. U ergajt ippruvajt incempillu u l-call ma' bdietx tmur kif suppost. Skoprejt li bblukkjani wkoll fuq il-mobile. Dhalt inkellem lit-tfajla tieghu fuq facebook, ghidtilha: "Isma, dan il-mobile huwa fake, jiena nixtieq il-flus lura, ghax ikolli nimxi kif suppost, inkella." Qaltli: "Ahna minn naha taghna l-mobile tajnihulek originali. Issa inti ghidtilna biss li ntuk il-flus lura jekk issib il-mobile llokkjat."*** *Ghidtilha: "Le, jiena xtrajt il-mobile bil-patt u l-kundizzjoni li l-mobile hu originali,jiena xtaqt nixtri Samsung S6 originali. Jien kull ma' nixtieq il-flus lura u din l-istorja tieqaf hawn hekk. Jien kull ma' nixtieq il-flus lura."*[5] Galea jghid li mobile kien jiswa madwar €450 fuq

[3] Fol.11
[4] Fol.13
[5] Fol.13-14

ebay filwaqt li habib tieghu kien xtara wiehed ghal €400, u ghalhekk ra li l-prezz kien fl-istess akkwati.

Il-parte leza pprezenta r-riklam li kien deher fuq facebook[6] kif ukoll ic-chat relatata mat-transazzjoni[7] li ma thalli ebda dubbju dwar il-veracita` ta' dak li jixhed Galea dwar kif sehhew l-affarijiet. Jirrizulta li l-profile hu ta' certu **James Rory Farr** meta l-isem tal-imputat hu James Farrugia u fl-isqarrija l-imputat jghid li hu maghruf bhala *'Ir-Rory'*! Mic-chat jidher bic-cjar li l-**interess ta' Galea kien li l-mobile ikun wiehed originali tant li saqsa ghall-garanzija tieghu u meta ma sabx l-IMEI baghat messagg lill-imputat il-17:46 tad-9 t'Awissu 2015** u spjegalu li hu kien ser jiehdu izda ried jivverifika dwaru kif imur d-dar.[8] Indikattiv hafna kif irrispondieh l-imputat meta **staqsieh x'ried jiccekja** u Galea jwiegeb billi baghat ritratt tal-IMEI li ried ikun cert li s-serial number/imei kien *clean "dw routine check, s'ghada ntik il-konferma[smiley] il-bqija ghadu qisu gdid."*[9] Farrugia rrispondieh li kien kollox sew filwaqt li zied jghidlu li *"Adu gdid ax qas sija uzajtu".*[10] Jirrizulta kif gja qal li l-ghada talbu biex jirritornah u jiehu lura l-flus wara li l-IMEI u serial number ma setghux jigu verifikati.[11]

Dr. Galea ghadda biex ipprezenta chat li kellhu mal-imputata u hawnhekk jerga' jigi kkonfermat dak li xehed dwaru.[12] F'messagg mibghut minnha fil-20:57 tinsisti li ma tafx jekk kienx *clone* jew le izda tghidlu li hu ried ikun cert li l-mobile ma kienx *locked.*[13] Jinghad li fic-chat kollha li rat il-qorti dan id-diskors li qed talludi ghalih l-imputata ma jirrizulta minn imkien. L-parte leza ried mobile originali tant li hallas ghalih prezz fl-akkwati tal-prezz li bih kien qed jinbieghu mobiles tal-istess mudell.

Ix-xhud ikompli jixhed, u fil-fatt jerga' isib konferma ta' dak li jghid meta jinqraw ic-chats mal-imputata li meta ltaqa maghha *"Jiena Mary Grace Grima qaltli, l-ewwel nett assiguratni li l-mobile originali.... Qaltli ccekkja l-applications kif installati, ccekkja anke bl-isem tal-mobile u qaltli wkoll iccekkja l-camera. Qatli l-camera ha turik li sixteen (16) megapixels il-camera, dika l-ahjar mod biex tizgura li l-mobile hu originali.....Dan il-kliem qalituli hi u qaltli wkoll illi r-raguni ghall-bejgh tal-mobile kien ghax dan kien rigal minghand missier James li kien jahdem l-Ingilterra skont hi. U qaltli li James, ihobb prodotti tal-Apple, u dan m' ghogbux il-mobile u ghalhekk xtaq ibieghu mal-ewwel."*[14] Jirrepeti li dam hafna jipprova jaghmel kuntatt mal-imputat izda gie imblukkat milli jkompli jaghmel kuntatt mieghu.[15]
Rilevanti sabiex jigi determinat il-*mens rea* tal-imputati hu l-fatt li anke meta gharrafhom li l-mobile ma kienx originali dawn fl-ebda hin, kif jidher mic-chat,

---

[6] Fol.22
[7] Dok. B a fol.24
[8] Fol.27
[9] Fol.28
[10] Fol.29
[11] Fol.30
[12] Dok.D fol.39 et seq
[13] Fol.41
[14] Fol.17
[15] Fol.19

ma semmew li kellhom ricevuta ghalih. Fil-fatt jghid hekk *"Le, le, l-ircevuta qatt ma' bghatihieli lanqas. Qatt ma' baghathieli…"*[16]

In kontro-ezami jixhed li hu stess ammetta mal-imputata li kien *"a very good clone difficult to trace"*[17] u wasal ghal din il-konkluzjoni ghaliex *"Il-mobile d-dehra tieghu kienet ta' wiehed originali u l-applications li kienu nstallati fuqu kienu kollha tas-Samsung.... Mall-ewwel daqqa t'ghajn dehret kaxxa tas-Samsung... Karti kien hemm ma niftakarx kienux tal-garanzija jew le... kif ircivejtu tajtu lil Ispettur.... biex indunajt li mhux originali kelli ninstalla application biex turik jekk il-mobile phone hux originali jew le, xi haga li dak il-hin meta xtrajtu ma stajtx naghmel."*[18] Ikompli li meta installa application 'Samsung phone info' hargu numru ta' diskrepanzi bejn l-ispecifications tal-mobile li kien nxtara u dawk li jkollu mudell Samsung S6.[19] Galea jerga' jispjega li ***"Kont ippruvajt nikkuntattja lil James pero James ibblukkani kemm fuq Facebook u anki mill-mobile.... Sintendi jiena lil James kont bghattlu biex itini l-flus lura ghax il-mobile ma kienx originali, mbaghad wara li bblukkani ppruvajt nikkuntattja lil Mary Grace Grima***[20]*.... l-ewwel messagi li bdejt nibghat kienu ghal habta tad-disa' ta' filghaxija, mbaghad qabel dawn il-messaggi kienet diga' wegbitni hi u qaltli li l-mobile huwa originali u li tawni mobile originali. Spjegajtilha li l-mobile ma kienx originali ghidtilha tini l-flus lura u hemmhekk imbaghad meta ma rcivejtx risposta ergajt bghattilha fl-ghaxra u nofs fejn ghidtilha li la darba ma rcivejtx risposta ta' xejn ha jkolli nimxi bil-pulizija."*[21]

Illi l-Qorti rat l-istqarrija tal-imputat Farrugia fejn mhux talli ma jsemmi imkien li l-mobile kien xtrah missieru mill-Ingilterra izda jghid li, fl-istess jum li offrieh ghall-bejgh, dan kien inbiegh lilu minn wiehed Taljan ghal €370.[22] **Ma jispjegax ghaliex jekk kien ghadu kemm xtrah mill-ewwel poggieh fuq facebook galadarba kien fl-istess jum li tellghu ghal-bejgh!** Il-provi juru li l-mobile gie reklamat fid-9 t'Awissu, 2015 u hu stess jibda biex jghid li *"il-hadd li ghadda 9 t'Awissu 2015 avvicinani Taljan…".*[23]Jammetti li ma bediex jirrispondi lill-Galea ghaliex ma kellu ebda intenzjoni jaghtih il-flus lura peress li kien cert li kien biegh mobile originali w il-flus kien nefaqhom![24] L-imputat ftakar li kien irceva ritratt tal-IMEI u serial number u kkonferma li l-laqam tieghu hu "Ir-Rory". L-persuna Taljana tibqa ma tigix identifikata. Jigi sottolinejat li fil-konversazzjoni bejn l-imputati u l-parte leza l-imputat jghidlu li **ma kellhux garanzija ghax ma nxtarax minn Malta**.[25]

---

16 Fol.19
17 Kien il-parte leza stess li esebixxa il-konversazzjoni fejn jghid lil Grima "irrizulta li dan hu clone tajjeb immense, li difficli hafna tinduna li clone," – a fol.41. Ghalhekk bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien hemm xi intenzjoni da parti tieghu li jostura dan il-fatt. Kopja ohra esebita mid-difiza a fol.65
18 Fol.58-59
19 Fol.60
20 Fol.61
21 Fol.62
22 Fol.50
23 Ibid
24 Fol.51
25 Fol.24

Fl-istqarrija taghha l-imputata tghid li dan it-Taljan sahansitra mar wara l-bieb tad-dar u xtraw il-mobile ghax ried juzah James. *"Minhabba li ma ghogbux ghax hu juza d-ditta Apple iddecidejna li nbehhuh u ghamilnieh fuq facebook"*[26] Ghalkemm il-Pulizija ma jidher li ma ghamlet ebda sforz ulterjuri sabiex tiskopri l-identita` ta' dan it-Taljan, jibqa' l-fatt li ma jaghmel ebda sens li ftit tal-hin wara li nxtara bl-iskop li jaghmel uzu mill-istess James, gie deciz li kellhom jitfawh ghall-bejgh ghax fi kliemha stess ma ghogbux ghax juza l-apple! Il-mistoqsija tigi wahedha: Mela ghalfejn xtrah? Ghaliex hadd mill-imputati ma taw spjegazzjoni ta' min kien dan it-Taljan sabiex jiehdu sodisfazzjon talli spiccaw fl-inkwiet minhabba li, skond huma, ngannahom? L-imputata tasal tghid li kienu jafuh u ma kienitx l-ewwel darba li xtraw oggetti minghandu u qatt ma kien qarraq bihom, ghalhekk ghaliex baqghet reicjenti dwar l-identita` tieghu?[27] Meta tkellmet mal-parte leza Grima kienet sahansitra qaltlu li kien xtrah missier James mill-Ingilterra. Ghaliex allura fl-istqarrija issemmi li nxtara minn Taljan li mar sabhom id-dar taghhom?

Illi mhemmx dubbju li dawn l-istqarrijiet tal-imputati ma ghandhomx mis-sewwa, huma inverosimili u frott ta' imaginazzjoni malinja.

Illi **Dr Stephen Farrugia Sacco** jixhed li *"Ic-cellulari in kwistjoni m'huwiex awtentiku, .... mid-daqqa t'ghajn bniedem li ma jkunx delettant ma tantx ha jinduna malajr. However malli tqabbdu mas-sistema you realise that the chip tieghu mhux ic-chip li jintuza s-soltu fuq dak il-mudell. Apparti minn hekk anki n-numru IMEI li s-soltu tkun fuq il-kaxxa mhux qeghda hemmhekk u lanqas ic-cellulari n-numru mhux traccat...... Biex inkun car it is a very very very good imitation."*[28] In kontro-ezami l-espert ikompli jispjega li *"ma nahsibx li bniedem fit-triq ha jinduna mal-ewwel. Jekk joqghod jezaminah forsi jigih id-dubbju u ovvjament jekk jaghmel ezami kif ghamilt jien jista' jikkonferma...**in lay man terms biex nghidu hekk il-fatt li mhemmx l-IMEI number fuq il-kaxxa diga hija stramba ghax inti fejn suppost tkun**, imma inti jekk ma tkunx imdorri faccli ma tindunax...Jekk tixghelu the siftware is more or less the same but its inside which is a bit different... jekk wiehed per ezempju jfittex dak il-mudell u jmur fuq l-internet u joqghod iqabblu ha jsib differenzi jigifieri m'ghandekx bzonn ikollok bilfors programm forensiku biex tinduna...anke fejn jidhol is-SIM card jidher li huwa differenti. Jidher l-istess imma mhuwiex."*.[29]

Issir riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Giovanni Taliana** fejn l-akkuzat kien gie addebitat bir-reati ravvizati fl-artikolu 298(1)(a)(c) u(f) tal-Kodici Kriminali:[30]

---

[26] Fol.52
[27] Fol.53
[28] Fol.69-70
[29] Fol.91-92
[30] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Deciza 25.06.2010, per Onor Magistrat Dr. Audrey Demicoli.

Illi kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reati ta' qerq fil-kummerc u fl-industrija u bi ksur tad-drittijiet tal-awtur. In succinct il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat iffalsifika jew biddel minghajr l-uzu tas-sid jew altrimenti ghamel uzu minn ismijiet, markji jew sinjali propjeta' ta' Louis Vuitton u dan minghajr l-uzu tas-sid ta' dawn il-markji jew sinjali distintivi u li spaccja jew qieghed fic-cirkolazzjoni billi poggihom ghall-bejgh merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq. Huwa qed jigi akkuzat ukoll li stampa, immanifattura, idduplika jew biegh jew offra ghall-bejgh prodotti bi ksur tad-drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Louis Vuitton u protetti hawn Malta.

Il-Qorti jidrilha li f'dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib l-aqwa u l-ahjar prova sabiex ikunu jistghu ireggu l-akkuzi fil-konfronti tal-imputat, u cioe' hija naqset milli ggib il-prova ta' x'inhuma il-markji, sinjali distintivi jew drittijiet tal-awtur appartenenti lid-ditta Louis Vuitton. Din il-prova kellha u setghat issir billi jigu prodotti tramite l-Ufficju tal-Kontrollur tal-Propjeta' Industrijali ic-certifikati tarregistrazzjoni tal-imsemmija ditta. F'dan il-kaz kull ma ghandha quddiemha l-Qorti hija kwerela (inserita a fol. 18 tal-process) fejn qed jinghad li s-socjeta' estera Louis Vuitton Mallettier hija propjetarja ta' diversi trademarks, ismijiet u disinji u fejn qed jigi allegat li fil-hanut Beaches fi triq it-Turisti, l-Qawra kienu qed jinbieghu diversi oggetti li kienu counterfeit ghaliex kellhom fuqhom l-markji jew disinni falsifikati ta' Louis Vuitton. Il-Prosekuzzjoni izda fl-ebda stadju ma gabet prova ta' x'inhuma dawn il-markji u disinni li huma propjeta' esklussiva tad-ditta estera Louis Vuitton. Il-Qorti ghalhekk ma tistghax tivverifika jekk effettivament l-oggetti konfiskati mill-hanut propjeta' tal-imputat mill-Pulizija kienux qed jigu spaccjati bi ksur ta xi drittijiet appartenenti lis-socjeta kwerelanti ghaliex ma ngabitx il-prova ta' x'kienu id-drittjiet appartenenti lis-socjeta' kwerelanti.

Illi fil-kaz in dezamina mhemmx dubbju ghal liema marka qed issir riferenza u ghalhekk dak l-element li rriferiet dik il-Qorti li kellu jigi pruvat, fil-fatt gie hekk pruvat. Jirrizulta bic-cjar l-isem tad-ditta u mudell partikolari- Samsung Galaxy S6. Dan jirrizulta mill-mobile u l-kaxxa tieghu esebita kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert Farrugia Sacco. <u>Ma kien fadal ebda htiega ulterjuri ghall-prosekuzzjoni sabiex tidentifika liema marki u disinn kienu gew falsifikati</u>.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ritienne Briguglio**:[31]

Propju huwa hawnhekk fejn l-appellant Avukat Ġenerali mhux qed jaqbel mal-ewwel Qorti kif interpretat dina d-dispożizzjoni u dana peress li anke hekk għas-saħħa tal-argument nieħdu in konsiderazzjoni l-imputazzjonijiet f'daqqa dawna jridu jiġu analizzati fid-dawl tad-dispożizzjonijiet segwenti li nsibu taħt l-artikolu 299 kif ukoll l-arikolu 302 tal-Kodiċi Kriminali;

L-**artikolu 299** tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li:
*F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(**a**), (b), (**ċ**) u (d), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba <u>huwa ma jippruvax</u> li ma kellux ħsieb doluż.*

In oltre l-**artikolu 302** tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi imbagħad hekk:
*Fil-każijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax –*
*(a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u*

[31] Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, Appell Nru.268/2015, Deciza 25.02.2016

*(b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija;* u
*(ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen. …*

Minn qari akkurat ta' dawn l-artikoli jidher ċar li fil-każ tar-reat tal-qerq fil-kummerċ id-dolo huwa preżunt u l-oneru tal-prova u cioe li l-persuna akkużata ma kienx jaf li l-prodotti huma kontrafatti jiġi spustat fuq l-imputat, vide **Il-Pulizija vs Robert Gatt**, deċiża fil-15 ta' Novembru, 2013.[32] Dan ifisser li galadarba l-prosekuzzjoni tipprova li l-oġġetti in kwistjoni huma foloz, kif filfatt irnexxielha tagħmel fil-każ odjern, l-oneru tal-prova tax-xjenza ddur lejn id-difiża u mhux kif sostniet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Il-Qorti għandha, wara li tgħarbel il-provi kollha li għandha quddiemha, isaqsi hekk l-imputat ħax l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tat-tielet imputazzjoni u cioe l-artikolu 298(1)(f) u kif ukoll li hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri, mill-bqija l-Qorti trid teżamina ukoll hekk mexiex b'ħażen jew le u dana trid tagħmlu wara li tisma' x'għandu xi jgħid l-imputat f'dan is-sens;

Fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet il-preżunzjoni hi għal darb'oħra tali li l-imputat jitqies li mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż. Dan ifisser li l-Prosekuzzjoni tista' toqgħod siekta u tisma' l-provi mressqa mill-imputat/a;

Illi dak li ma qesitx l-Ewwel Qorti madanakollu kien illi, kif gustament jishaq l-Avukat Generali fl-appell minnu imressaq 'il quddiem, hija kellha thares ir-regoli stabbiliti fl-artikolu 299 u 302 tal-Kapitolu 9 u dan ghar-rigward tal-bilanc tal-prova tax-xjenza doluza tal-persuna akkuzata.

**"F'dawn ir-reati kontra qerq fil-kummerc u fl-industriji "............ jitqies illi l-akkuzat mexa dolozament, kemm il-darba huwa ma jippruvax li ma kellux hsieb doloz" (Artikolu 299 Kap. 9). Dan ifisser illi l-piz tal-prova twarrab minn fuq spallejn il-prosekuzzjoni w intefghu fuq dawk tal-akkuzat. Dana pero' illi filwaqt il-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni, fil-kaz tal-akkuzat huwa ghandu l-obbligu illi jinduci fil-Qorti konvinciment morali bazat fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Piz ta' prova ferm anqas minn dak tal-prosekuzzjoni.[33]"**

Illi ghar-reati li jitkellem dwarhom l-artikoli 298(1)(a)(b)(c)(d), l-artikolu 299 ighid illi "**jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba huwa ma jippruvax li ma kellux ħsieb doluż.."**

Illi imbaghad ghar-reat taht is-subinciz (1)(f) il-ligi tispecifika l-prova li jenhtieglu jaghmel l-akkuzat meta jinghad fl-artikolu 302 illi "**jitqies li l-akkużat mexa dolożament, kemm-il darba ma jippruvax - (a) illi, wara li ħa l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiż-żmien li għamel id-delitt li fuqu jkun akkużat, raġun jaħseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u (b) illi, meta ġie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-tagħrif kollu li seta' jagħti dwar il-persuni li minn għandhom ġieb dik il-merkanzija; u (ċ) illi mill-bqija huwa mexa bla ħażen."**

Maghdud dan, allura, huwa bil-wisq evidenti illi l-appellata kien jenhtiegilha tipprova n-nuqqas ta' hazen minn naha taghha meta hija akkwistat il-merkanzija li kellha intenzjoni tbiegh fil-hanut taghha u dan fuq bazi ta' probabbilita'. Illi ghalkemm l-Ewwel Qorti ma issemmi xejn fid-decizjoni taghha, kif inghad, dwar l-ispustament tal-prova fuq l-akkuzata, izda donnha tidher li qed tixhet dan il-piz fuq il-Prosekuzzjoni, madanakollu mill-motivazzjonijiet minnha maghmula hija tghid li kienet qed temmen lill-akkuzata meta

[32] Per Onor. Magistrat Dr, Audrey Demicoli
[33] **Il-Pulizija vs Alfred Scicluna** – App. Inf. 08/03/2010

dina insistiet illi meta xtrat il-brazuletti mertu tal-kaz, fost oggetti ohra minn suq gewwa Sqallija minn ghand persuna ta' nazzjonalita ciniza li hija kienet imdorrija tixtri minn ghandu , din ma kenitx taf illi kienet tezisti id-ditta *Tresor Paris* u li allura kienet qed tixtri oggetti foloz. Dana tghidu kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha lill-pulizija kif ukoll fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti mhux kontradetta mill-Prosekuzzjoni……

Illi din il-Qorti hija tal-fehma kuntrarja billi kien jispetta lill-appellata tipprova n-nuqqas ta' xjenza doluza minn naha taghha u li allura kellha tressaq il-prova fuq bazi ta' probabbilita illi hija ma kellhiex l-intenzjoni kriminuza. Illi allura ma huwiex bizzejjed ghall-appellata tghid illi hija ma kenitx taf li tezisti din il-marka u tieqaf hemm izda kellha tressaq provi ohra li jindikaw in-nuqqas ta' hsieb doluz sabiex twaqqa' l-prova stabbilita mill-Prosekuzzjoni illi l-oggetti illi hija kienet qed tbiegh kienu fil-fatt foloz. L-appellata tistqarr illi tlett icpiepet bl-isem *Tresor Paris* u bil-kaxxa ukoll b'din il-marka xtrathom mis-suq f'Catania minn ghand persuna ta' nazzjonalita ciniza, minghajr lanqas biss indenjat ruhha tivverifika l-isem x'kien jirrapprezenta qabel tesponi l-merkanzija ghal bejgh. Di piu' la tindika min hi l-persuna minn ghand min xtrat ic-cpiepet u lanqas tindika l-prezz li hallset ghalihom fejn jidher illi lanqas ricevuta ma inghatat ghal dawn ta'l-oggetti mixtrija minnha. Dawn il-fatturi wahedhom kellhom inisslu f'mohh il-gudikant imqar dubbju dwar l-veracita ta' dak li kienet qed tistqarr l-akkuzata. Jidher illi l-appellata ghandha hanut gewwa Rahal il-Gdid ta' *nail technician* u minn dan il-hanut tbiegh ukoll xi prodotti ta' *costume jewellery*. Ma jidhirx ghalhekk illi hija xi persuna li ma ghandhiex konoxxenza tad-dinja tal-moda. X'kienu allura il-prekawzjonijiet li hadet l-appellata bhala persuna imdorrija fin-negozju qabel ma esponiet din il-merkanzija ghal bejgh? X'kien it-taghrif li ghaddiet lill-pulizija dwar il-persuna minn ghand min xtrat dawn l-oggetti? Tat informazzjoni dwar il-prezz li xtrat dawn l-oggetti, jekk inghatatx ricevuta, jekk halsitx VAT fuqhom? L-appellata kellha responsabbilta' li tivverifika l-oggetti li hija kienet qed tbiegh fuq is-suq lokali u mhux taqbad u tpoggiehom fil-vetrina minghajr l-icken verifika, haga illum piuttost facili bl-avvanzi li saru fit-teknologija.

Illi huwa evidenti ghalhekk illi hija ma irnexxiliex teghleb – imqar fuq bazi ta' probabbilita – il-presunzjoni kontenuta fl-artikolu 299 (dan fir-rigward ta'l-ewwel zewg akkuzi) jew li tipprova fuq bazi ta' probabbilita` t-tlett rekwiziti tal-Artikolu 302 (ghar-rigward tal-paragrafu (f)). Il-fatt wahdu li l-appellata tikkontendi illi hija ma kenitx taf li tezisti din id-ditta jew marka u li allura hija ma setatx tbieghhom hawn Malta ma hijiex wahedha sufficjenti billi *ignorantia legis neminem excusat.*[34]

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti m'ghandix dak il-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta' probabilitajiet li l-appellata ma kenitx taf illi kienet qed timporta merkanzija falza w ghalhekk ma ssodisfatx il-vot tal-Artikolu 299 u 302 tal-Kap.9 illi hija ma kellhiex hsieb doluz u li hadet dawk il-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex tassigura ruhha qabel ma tpoggi l-oggetti ghal bejgh illi dawn kienu awtentici u mhux foloz.

Issa l-appellata hija akkuzata bmod alternattiv b'tlett reati ikkontemplati fl-artikolu 298(1)(a)(c) u (f). Illi l-Qorti tqies illi l-fattispecje tal-kaz jinkwadraw ruhhom perfettament fid-dispost tas-sub-inciz (1)(f) u dan meta l-appellata qieghdet fic-cirkolazzjoni u bieghet dawn ic-cpiepet foloz.". [sottolinejar tal-Qorti]

Illi mill-atti processwali mhemmx dubbju li malli l-imputati gew mgharrfa li l-mobile li kienu bieghu l-jum ta' qabel kien *clone*, dawn ghamlu minn kollox sabiex jaqtaw kull kuntatt mal-parte leza. Dak li l-Qorti trid tiddetermina izda hu jekk l-imputati kienux konsapevoli ta' dan il-fatt <u>qabel</u> ma l-mobile inbiegh lill-parte leza.

---

[34] Ara decizjonijiet – il-Pulizija vs Francis Vella App.Inf 04/01/2008; ara ukoll Il-Pulizija vs Lawrence Cassar 04/01/2008 – App. Inf.

Hemm hafna cirkostanzi li fil-fehma tal-Qorti jimmiltaw favor din it-tezi. Jibda biex jintqal li sa mill-bidu nett **ma kienux onesti dwar il-provenjenza tal-mobile:**

Filwaqt li lill-parte leza qalulu li kien xtrah missier Farrugia mill-Ingilterra, lill-pulizija tawhom informazzjoni differenti u cioe` li kienu xtrawh ftit qabel ma tpogga ghall-bejgh minn wiehed Taljan; Taljan li ghalkemm jigi ammess li kienu jafuh ghax ta' sikwiet xtraw minghandu, baqghu ma indikawhx u dan ghall-ebda raguni. **Ghaliex ma ghamlu lanqas l-icken tentattiv sabiex lill-pulizija jindikawlhom din il-persuna?**

Il-Qorti temmen li dan 'it-Taljan' ma kienx ghajr *a figment of their imagination* jew jekk vera ezista u vera xtarwh mingahndu dan **kien infurmahom dwar in-nuqqas ta' awtenticita` tieghu** u cioe' li kien clone u mhux originali! Xi skop kien hemm sabiex ma jghidux il-verita` jekk wara kollox kienu qablu mieghu fuq il-prezz?

Jekk veru kien inxtara ghal James kif jista' jigi spjegat li dan tpogga' ghall-bejgh ftit wara ghal raguni li dan ma ghogbux ghax ihobb juza Apple phones? **Mela ghalfejn xtrah**?

Sa ma qabel kienu biss ltaqaw mal-parte leza hekk kif bdew issiru in-negozjati dwar il-mobile, **weghduh li ser jibghatulu ricevuta** scanned fuq facebook. Dan meta kienu jafu li tali riecvuta ma kellhomx. Bla dubbju dan sehh peress li malli offrewh ghal-bejgh kienu konsapevoli tal-fatt li ma kienx originali!

Ghaliex meta Dr. Galea talab lil Farrugia ghal **garanzija** dan qallu biss li ma kellux ghax ma kienx xtrah minn Malta? Ghaliex ghazlu li jkunu dizonesti sa mill-bidu net meta qed jippruvaw jaffetwaw il-bejgh jekk verament ma kienux konsapevoli li l-mobile ma kienx originali kif xtaq il-parte leza?

Ghaliex minflok ma pprova jispjega ruhu jew minn tal-inqas jiskuza ruhu ma Galea, l-imputat dlonk **ibblokkja** n-numru tieghu u anke minn fuq facebook? Ghaliex anke l-imputata **waqqfet kull kuntatt** ma' Galea? Il-fatt, li kif jghid Farrugia dan gara ghax il-flus nefaqhom u ma kellhux il-hsieb jirritornahom, ukoll juri bic-cjar li l-uniku interess tieghu kien li jipprofitta ruhu mill-ingann minn tieghu. Possibbli filli kien tant amikevoli ma' Galea, kif jidher mic-chats, u hekk kif l-ingann tieghu tela' fil-wicc, sparixxa mix-xena minghajr l-icken rimors!

Ghalhekk mhemmx dubbju li l-imputati altru li kellhom il-*mens rea* rekwizita sabiex jissusti r-reat ravvizat bl-artikolu 298(1)(f) tal-Kodici Kriminali. Dak li ghamlu l-imputati ghamluh xjentement - l-azzjonijiet taghhom tul il-process tal-bejgh jixhed dan minghajr ombra ta' dubbju! Kienu ben konsapevoli li l-mobile ma kienx originali u ma hasbuhiex darbtejn sabiex jingannaw lil Galea li anke hallewh jistenna ghall-ricevuta li kien talab filwaqt li ingannawh dwar il-vera provenjenza tal-mobile.

Illi kif inghad il-fattispecje ta' dan il-kaz jinkwadraw fit-tielet imputazzjoni li nghatat bhala kap alternattiv ghall-ewwel u ghat-tieni imputazzjoni u b'hekk il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet.

Illi rigward il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni in-natura tar-reat li qed tinstab htija dwaru, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali taghhom minfejn jirrizulta li Grima biss ghandha fedina penali netta. Rigward Farrugia l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova anke l-addebitu tar-recidiva meta esebiet sentenza tal-25 ta' Novembru, 2014, minnfejn tirrizulta l-identita` tal-imputat.[35]

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikolu 17 u 298(1)(f) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-konfront ta' James Farrugia wahdu anke l-artikoli 49 u 50 tal-istess Kapitolu, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, issib lill-imputati hatja tat-tielet imputazzjoni, tikkundanna lil James Farrugia ghal sitt xhur prigunerija filwaqt li tikkundanna lil Mary Grace Grima ghal hames xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal erbatax il-xahar millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hatja jhallsu bejniethom lill-parte leza s-somma ta' €370.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja jhallsu bejniethom l-ammont ta' €458.78 rapprezentanti spejjez peritali.

Il-Qorti spjegat lill-hatja Grima l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[35] Dok. NV10 a fol.54